konvenzjoni; salvi lill-attur id-drittijiet kollha li għandu u jista' jkollu kontra l-ereditá jew l-eredi għall-fatt naxxenti mill-konvenzjoni li ma setgħetx isseħħ għall-fattijiet li għidna;

Illi fl-aħħarnett jingħad li l-prinċipji "nemo liberalis nisi liberatus" u "legata non debentur nisi deducto aere alieno", fil-ħsieb tal-Qorti, ma għandhomx x'jaqsmu xejn mal-każ ta' l-obligazzjoni speċifika in kwistjoni, għal raġunijiet wisq evidenti li ma hemmx bżonn li jissemmew;

Illi d-diffikultà fis-soluzzjoni tal-meritu tissuġġerixxi temperament fl-ispejjeż;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, riżervata lill-attur kwalunkwe azzjoni li għandu jew jista' jkollu kontra min u skond il-liġi. L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, dritt tar-Reġistru għall-attur.

*żali u oħra; u għalhekk dan id-dixxerniment huwa mħolli għad-dottrina u prudenza tal-ġudikant.*

*Fil-każ ġie ritenut li l-kawżali tal-legat kienet finali u determinanti; però l-legat ġie ritenut li għandu jiġi sostnut, billi ġie ritenut li dik il-kawżali ma kienetx falza. Għax din il-falsità trid tiġi pruvata minn min jallegaha, u fil-każ din il-prova ma saritx.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni fejn l-attur, previja l-premessa li bit-testment sigriet tagħha apert u publikat fl-attijiet tan-Nutar Edoardo Cal'eja Schembri fil-15 ta' Mejju 1942 (dok. A) Rosa Xerri, omm il-kontendenti, ħalliet lill-istess attur Antonio Xerri l-utili dominju perpetwu tal-fond Triq Pio X, numru 43, iż-Żejtun, suġġett għaċ-ċens ta' £1 fis-sena, li missier il-kontendenti, Giuseppe Xerri, kien irkupra għan-nom tiegħu, imma fl-interess u bi flus ta' l-attur; u billi l-attur interpella l-konvenuti biex jimmettuh fil-pussess ta' dana l-legat b'ittra uffiċjali tad-9 ta' Awissu 1943 (dok. B), u l-konvenui rrifjutaw b'ittra uffiċjali tas-16 ta' Awissu 1943 (dok. C); kif ukoll, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, u speċjalment, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-legat imsemmi huwa validu, talab li l-konvenuti jiġu kundannati illi jimmettu lilu fil-pussess ta' l-imsemmi legat fiż-żmien illi tagħtihom dina l-Qorti; u fil-każ illi ż-żmien jgħaddi inutilment, talab li jiġi dikjarat illi l-immissjoni tiegħu fl-imsemmi legat issir in forza tas-sentenza li tiġi mogħtija minn dina l-istess Qorti; u fl-aħħarnett talab illi l-konvenuti jiġu kundannati jirrendu kont lilu, fiż-żmien illi jkun prefiss mill-Qorti, tal-frutti perċepiti u perċepibili mill-imsemmi fond mill-mewt ta' Rosa Xerri sal-ġurnata ta' l-immissjoni tiegħu fil-pussess tal-legat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Awissu 1943, kontra l-konvenuti, li ġew ukoll inġunti ħalli jidhru personalment għas-subizzjoni;

*Omissis*

Tikkunsidra;

Illi l-partijiet jaqblu li l-kwistjoni li għandha tiġi riżoluta l-lum minn dina l-Qorti hija ċirkoskritta għall-kawżali li animat id-dispożizzjoni tad-decujus Maria Rosa armla minn Giuseppe Scerri, meta fit-12 ta' Marzu 1932 għamlet it-testment sigriet tagħha, li ġie publikat fil-15 ta' Mejju 1942 per

inezz tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-proċess bħala dokument "A" fil-fol. 5, u dana dwar il-legat li ġie mħolli lill-attur biss; l-għaliex dwar il-legat l-ieħor imħolli lil ħadd ieħor ma hemmx kwistjoni. Infatti, mentri l-attur qiegħed jitlob li jiġi immess fil-legat, u subordinatament li jiġi lilu mogħti kont tal-frutti perċepiti u perċepibili mill-mewt tad-decujus sal-jum ta' l-immissjoni, il-konvenut Amabile Xerri nomine u xi konvenuti oħra jsostnu li l-legat imħolli lill-attur huwa null, għaliex il-kawża determinanti tiegħu hija falza, u għalhekk it-talba attriċi ma tistax tiġi akkolta;

Tikkunsidra;

Illi qabel xejn, in tema legali jingħad li skond l-art. 722 tal-Kodiċi Civili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta (ara art. 383 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868), huwa dispost li "kull disposizzjoni ta' testment bażata fuq raġuni li weħedha tkun ġegħlet lit-testatur jagħmilha, u li tkun falza, ma għandha ebda effett. Jekk it-testatur isemmi raġuni, iżda ma jkunx jidher mit-testment li dik ir-raġuni kienet hija weħedha li ġegħlitu, id-dispożizzjoni tat-testment ukoll jekk dik ir-raġuni tinsab falza, għandha effett, kemm-il darba ma jiġix pruvat illi t-testatur kien imġiegħel biss mir-raġuni". Dina d-dispożizzjoni tal-liġi taqbel mad-Dritt Ruman, kif jista' jidher mill-Voet, "Ad Pandectas", Liber XXXV, Titolu I, para. IX. Volum IV, pag. 691. Ediz. Venezia tipi di Pietro Naratovich Editore 1851. Infatti r-regola ġenerali hija li l-falsità tal-kawża jew motiv tal-legat ma tannullax, u lanqas tirrevoka l-istess legat — "legato falsa causa adjecta non nocet" (§31, Inst. de legat.); imma jekk il-kawża tiġi enunċjata kondizzjonatament allura l-legat, fl-assenza ta' l-avverament tal-kondizzjoni enunċjata, u fil-każ ta' l-eżistenza tal-kawża falza, b'mod li jkun jista' jiġi pruvat li t-testatur ma kienx sejjer jagħmel il-legat kieku kien jaf illi l-kawża kienet falza, ma jistax ikollu effett legali — "sed si condicionaliter enunciata fuerit causa, aliud juris est";

Dana huwa bażat fuq ir-raġuni pura, l-għaliex huwa prinċipiu ġenerali li att huwa null meta jiġi pruvat li min ikun għamlu ma kienx sejjer jagħti l-kunsens tiegħu għalbiex isir kieku kien jaf li l-motiv li jkun iddeterminah li jagħmlu kien falz—

"falsam causam legato non obesse verius est, quia ratio legandi legando non cohaeret, sed plerumque doli exceptio locum habet si probetur alias legaturum non fuisse" (ara Papiniano, L. 72 §6 de condit. et demonstr.; ara wkoll Zachariae, Corso di Diritto Civile Francese, Vol. III, paġ. 39, para. 421, Edizione Napoli 1862);

Illi minn dana jitnissel ċar li dwar il-kawżi trid issir distinzjoni bejn jekk l-istess, għalkemm foloz, fl-istess ħin ma jannullawx l-legat u lanqas jirrevokawh, u komunement imsejħa kawżi impulsivi, u dawk li mingħajrhom ma jistax ikun hemm volontà jew kunsens, u kwindi, jekk foloz, jirrendu l-legat bla effett, u komunement konoxxuti bħala kawżi finali u determinanti. M'hemmx bżonn jingħad li fil-każ ta' determinazzjoni għal kawżi impulsivi jista' jkun hemm volontà indipendentement minnhom fit-testatur li jibbenefika, "quia legato non cohaeret", mentri fil-każ ta' determinazzjoni mnissla mill-kawżi finali u determinanti, dawna huma tant inerenti għad-dispożizzjoni, li jekk ikunu foloz ma jistgħux ħlief iħassru dik id-dispożizzjoni;

Illi fil-pratika, però, huwa wisq diffiċili li l-maġistrat jiddixxerni kawża minn oħra; u għalkemm xi ġurekonsulti ttantaw u ppruvaw jagħtu u jnizzlu xi regoli għal dana l-fini, l-istess, kif igħid il-Merlin (ar Repertorio, vuċi Legati, pag. 661, Tomo X, para. XIV) huma 'l bogħod minn regoli ċerti li bniedem jista' joqgħod fuqhom b'għajnejh magħluqa. Kien għalhekk li dana d-dixxerniment ġie mħolli għad-dottrina u prudenza tal-ġudikanti. Jingħad ukoll illi jekk huwa minnu li l-kawża, meta tkun espressa taħt forma ta' kondizzjoni, hija reputata finali, fis-sens "nisi ex ipsis verbis testamenti pateat, testatorem alias non fuisse legaturum", l-għaliex, magħmula mit-testatur f'dik il-forma d-dispożizzjoni, l-eżistenza tagħha tiġi b'hekk subordinata għar-realtà tal-fatt, huwa wkoll minnu li l-kawża tista' ma tkunx espressa f'dik il-forma, u allura l-kontest ta' l-att, kif igħid il-Pacifici Mazzoni (ara Vol. II Trattato delle Successioni, paġina 148, para. 54) irid ikun eżaminat attentament, kif ukoll trid tiġi miflija n-natura tal-kawża sabiex jingħad li skond il-menti tat-testatur riedx jew le jissubordina l-effikaċja tad-dispożizzjoni għall-verità ta' l-istess kawża;

Illi l-ġurisprudenza tagħna (ara Vol. X, Prim'Awla Ċivili 16 ta' Ottubru 1883, in re "Schembri et. vs. Galea et.", paġ. 251, u in ispeċje paġ. 262 u 263, u Vol. XVI, P. II, paġ. 59, Prim'Awla Ċivili 31 ta' Mejju 1897, in re "Abela vs. Galdies"), kif ukoll dik kontinentali li taqbel mal-liġi tagħna (ara Annali Vol. XVI, Appell Palermo 14 ta' Awissu 1882, "Belli vs. Cattedrale di Girgenti et.", paġ. 532, Parte III, Vol. VII; Appell Perugia 14 ta' Lulju 1873, "Seriacope vs. Valentini", Parte II, paġ. 676, Vol. XL; Kassazzjoni Torino 12 ta' Frar 1906, Parte I, paġ. 279, "Panzia-Oglietto vs. Panzia") żammew fermi dawna l-prinċipji; anzi, biex jirriaffermaw il-prinċipju tal-kawża eskluživa u determinanti li minnha ma tistax tħief 't kkonkludi li "alias non legaturus esset", il-Qorti ta' l-Appell ta' Catanzaro fit-22 ta' Novembru 1907, riportata fil-Ġurisprudenza Italiana, Volum ta' l-1908, Parte I, 2 — paġ. 151, jingħad li "sebbene tra le cause erronee vizi la disposizione solo quella così detta finale, ciò che rappresenta in pari tempo l'elemento che ha mosso la volontà a manifestare, e il fine, l'obbietto medesimo della manifestazione, d'altra parte la causa impulsiva erronea agisce allo stesso modo e produce le stesse conseguenze quando possa dirsi che sia stata esclusiva e determinante, per cui debba concludersi 'alias non legaturus esset' " — sentenza li jista' bunedem jaqbel jew ma jaqbelx magħha in kwantu għad-distinzjoni tal-kawża, imma li ma tistax tiġi traskurata in kwantu ddettat li l-kawżali unika u determinanti, li tkun falza di per sè, tannulla d-dispożizzjoni jew tirrevoka l-legat "de quo agitur";

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti dawna l-prinċipji, dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina d-dispożizzjoni in diskussjoni, sabiex tgħid jekk il-motiv jew kawżali tagħha kienx jew kienetx biss impulsiva jew finali u determinanti;

Illi għal dana l-fini, l-eżami tad-dokument "A" fol. 5 tal-proċess jirrendi ruħu indiskutibilment neċessarju. Minn dana d-dokument, li jikkontjeni t-testment sigriet tad-decujus Rosa armla minn Giuseppe Xerri in diskussjoni, il-parti preliminari tiegħu tikkonsisti fir-relazzjoni ta' fatti jiet li ġraw fil-ħajja ta' Giuseppe Xerri fir-relazzjoni tiegħu ma' tnejn minn uliedu, u li wieħed minnhom huwa l-attur. Minn dina l-istess relaz-

zjoni, taht l-ittri (e) u (f) ghandna:— "Che Antonio, mio figlio e del detto mio marito, ha voluto ricuperare lo stabile, ossia l'utile dominio, in Strada Pio Decimo, numero 43 o altro veriore numero, soggetto a lira sterlina una (£1) di annuo perpetuo canone verso detto mio marito; ma siccome si è temuto che qualcuno ne potesse fare retratto, esso Antonio ha dato a mio marito lire sterline centocinquantacinque (£155) per ricuperarglielo, e mio marito lo ricuperò a nome suo riservandosi di fare più tardi trasferimento a nostro figlio Antonio, in modo che non fosse soggetto a retratto; ma quel trasferimento non è stato mai fatto. Avvenuta la morte di detto mio marito, detto mio figlio Antonio e detti coniugi Busuttil (il-prelegatarju l-ohra li dwar il-legat taghha ma giet sollevata kwistjoni) incominciarono ad insistere presso di me e gli altri miei figli per avere gli opportuni atti di trasferimento di detti stabili; io sono pronta a farlo; ma gli altri miei figli si sono opposti, ed hanno esatto da me condizioni e vantaggi che io non posso in coscienza accordare. Ho incaricato amici comuni per persuaderli, ma a nulla valsero". U wara dana l-preambolu, taht l-ittra (g) iddeitat:— "Conseguentemente ho deciso di accomodare io questa rincrescevole pendenza nel modo seguente, per evitare inquietudini in famiglia". U bhala segwitu, taht l-ittra (h) iddisponiet dwar l-attur:— "Lascio inoltre a detto Antonio Scerri, mio figlio, l'utile dominio perpetuo di detto stabile Strada Pio Decimo, numero 43, od altro veriore numero, soggetto all'annuo perpetuo canone di lira sterlina. Dichiaro di conoscere che detto utile dominio di detto stabile appartiene in parte a me ed in parte all'asse di detto mio marito come sopra spiegato. Accettato questo legato, i detti Antonio Scerri e i detti coniugi Busuttil (ghall-prelegat taghhom) non potranno esigere dalla eredità di mio marito nè il prezzo pagato, nè il valore dei beneficati fatti in detti fondi, perchè virtualmente il presente legato non è una liberalità, ma una restituzione. Confermo le mie precedenti disposizioni testamentarie. I fondi sopra prelegati si devono intendere lasciati ai detti prelegatari coi frutti talvolta percepiti e che si potevano percepire dal dì in cui essi prelagatari hanno occupato detti fondi";

Illi fil-hsieb ta' dina l-Qorti, mill-kumpless u dicitura tad-

dispożizzjonijiet fuq imsemmija l-motiv jew kawża tal-legat "de quo" kien li t-testatriċi riedet b'h tagħmel dak li f'ħajtu kien ipprometta li jagħmel u jeżewixxi żewġha, u fil-fatt ma għamelx, u dak li hija f'ħajjitha u wara l-mewt ta' żewġha riedet tagħmel bil-kunsens u l-adeżjoni ta' wliedha — ad eċċezzjoni ta' l-attur li kien il-persuna interessata — li biss riedu jaderixxu salvo li jkunu avvantaġġjati u taħt kondizzjonijiet oħra, naturalment għalihom ukoll favorevoli, li hija, skond id-dettami tal-kuxjenza tagħha, ma setgħetx taderixxi għalihom, u għalhekk kienu qegħdin iqajmu dissidji fil-familja. Kieku t-testatriċi ma kienetx taħseb li żewġha kien fil-verità pprometta lill-attur li jgħaddilu l-fond wara li huwa akkwistalu "in testa propria" sabiex ma jkunx hemm biża' ta' l-irkupru, u bi flusu — promessa li ma eżegwiex — hija tabilħaqq ma kienetx sejra tagħmel dak il-legat. Dana huwa msaħħaħ mill-fatt li hija, li kienet fil-pożizzjoni li tista' tagħmel dak li għamlet, iddisponiet minn ħaġa ta' ħadd ieħor wara t-tentattivi li ssemmew, u mill-fatt li esprimiet fl-aħħar tad-dispożizzjoni sabiex il-prelegatarji ma jkunux jistgħu jeżiġu mill-massa ereditarja ta' żewġha l-flus li bihom sar l-akkwist u l-valur tal-benefikati bid-diċitura "perchè virtualmente il presente legato non è una liberalità ma una restituzione". Dana kollu juri li l-motiv ma kienx dak li ssir liberalità, iżda restituzzjoni; u din l-aħħar kawża kienet il-kawża finali, unika u determinanti. Fejn ma hemmx liberalità, iżda kawża oħra, bħal ma hija r-restituzzjoni, l-istess ma tistax ħlief tkun finali (ara Giurisprudenza Italiana, Appell Genova, Volum 1879, Parte I, 2, pag. 327, 19 ta' Diċembru 1879, "Corradi Ricca kontra Berio Corradi");

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, il-kawża imsemmija u espressa fid-dispożizzjoni kienet finali, unika u determinanti, b'mod li jekk l-istess kienet falza, il-legat għandu jiġi ritenut li ma jista' jkollu ebda effett, l-għaliex id-decujus ma kienetx sejra tippresta l-kunsens tagħha sabiex isir mingħajr dak l-intendiment;

Tikkunsidra;

Illi, stabbilita l-ewwel kwistjoni, huwa dmir dina l-Qorti tgħaddi għat-tieni indaġini, u ċjoè jekk il-kawża espressa hi-

jiex jew le falza, għaliex mis-soluzzjoni ta' dina t-tieni kwistjoni jiddependi l-eżitu tal-kawża;

Illi mhux ożjus li jingħad li l-prova tal-falsità tinkombi lill-konvenuti li jsostnu l-ineffikaċja tal-legat (ara Appell Palermo 14 ta' Awissu 1882, "Belli vs. Cattedrale di Girgenti" fuq imsemmija, u fejn, l-għaliex kienu injorati l-fattijiet, u minn kien qiegħed isostni l-ineffikaċja tal-legat naqas milli jipprova konkludentement il-motivi li għieghlu lit-testatur jiddikjara fid-dispożizzjoni li kien qiegħed iħalli l-legat bħala restituzzjoni lill-Knisja, l-għaliex il-fond inxtara bi flusu, il-kawża ġiet dikjarata impulsiva f'lok finali — ħaġa li ma tirrikorrix fil-każ in eżami, l-għaliex l-attur żgur ħareġ il-flus tal-post legat, salva l-kwistjoni jekk tagħhomx b'self jew in forza ta' l-att li jippretendi;

Illi jingħad ukoll li m'hemmx distinzjoni, jekk il-kawża finali hija falza, hijiex falza mħabba fi żball "di fatto" jew żball "di diritto" (ara Merlin, Repertorio. post ċitat, para. XIV);

Illi fil-kwistjoni in diżamina l-partijiet illimitaw il-kwistjoni dwar il-falsità bażata fuq "errore di fatto", l-għaliex mentri l-attur jgħid li fil-fatt missieru xtara għalih dak il-post, il-kontroparti li qiegħda topponi assumiet li tipprova l-insussistenza oġġettiva ta' dik il-pretensjoni ta' l-attur. Del resto dana tant huwa hekk li t-teżi tan-nullità hija sostnuta in kwantu l-injoranza tat-testatriċi hija fondata fuq il-fatt li meta żewġ id-decujus xtara, fil-fatt akkwista bil-flus ta' l-attur il-fond imsemmi għalih personalment, u mhux xtara f'ismu imma għall-attur sabiex jipprevjeni kwalunkwe dritt ta' rkupru, li bħala "dominus" kien jisthoqq lilu fuq dak il-post;

Illi l-konvenuti, biex jippruvaw it-teżi tagħhom, issottomettew..............;

Tikkunsidra;

Illi, mill-banda l-oħra, illi t-teżi attriċi hija aktar aċċettabili jidher minn dawn il-fattijiet..............;

Illi minn dana kollu ma jidherx li l-konvenuti ppruvaw konkludentement li t-testatriċi żbaljat meta għamlet il-legat b'mod li l-kawżali aċċennata, ta' indoli finali, unika u determinanti, kienet falza;

Illi in vista ta' dina l-konklużjoni m'hemmx għalfejn dina

l-Qorti tidħol fi kwistjonijiet oħra aċċennati fl-aħħar nota tal-konvenuti;

Illi l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenuta Carabott, li l-attur għandu jieħu l-"giusto valore" tal-fond hemm lokha meta t-testatur ikun illega l-ħaġa ta' ħadd ieħor bla ma esprima fit-testment li huwa kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħadd ieħor, dak li mhux il-każ fil-kawża tal-lum, l-għaliex dik l-espressjoni teżisti fl-istess testment;

Illi d-diffikultà fil-meritu tissuġġerixxi temperament fl-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine fi żmien xahar jimmettu lill-attur fil-legat imsemmi, u fin-nuqqas tiddikjara lill-attur immess per mezz ta' dina l-istess sentenza, kif ukoll tikkundannahom jirrendu l-kont mitlub għall-perijodu msemmi fl-istess terminu;

L-ispejjeż, salv dak li sejjer jingħad, in kwantu għali-kjamata in kawża jikqgħu bla taxxa, in kwantu għall-kumplament jitħallsu nofs mill-wirt ta' Rosa Xerri kif rappreżentat, u-nofs l-ieħor terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenut nabile Xerri proprio u Carmela Carabott u l-istess attur in kwantu huwa wieħed mill-werrieta ta' Francesca Busuttil, u ma bħala werrieta ta' missierha; u tastjeni ruħha milli tiddeċidi fuq spejjeż oħra diġà deċiżi.